MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Numru. 847/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR LUKE BONELLO**
**VS**
**RAFFAELLE CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Raffaelle Calleja ta' 19- il sena bin Mario u Maria Gabriella Ellul, mwieled Pieta' nhar is- 16 ta' Awwissu 1993, residenti 47, St. Rita, Triq it- Tabib J. Zammit, Balzan u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 363493M;

Talli nhar id- 19 ta' Awwissu 2012 ghall- habta tat- 2.50am gewwa San Giljan ;

1) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' persuni nkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

2) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita' kompetenti;

3) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 1237 Anthony Gauci, Pc 1104 Silvio Spiteri, PC 686 Daniel Scerri, PS 1451 Steven Crisp sabiex jingurjhahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

4) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Silvio Luke sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

5) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

6) Aktar talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- awtorita' jew ta' wiehed li jkuni nkarigat minn servizz pubbliku;

7) Aktar talli kkommetta reat waqt il- perjodu opreattiv ta' probation jew matul il- perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar l- 4 ta' Jannar 2011, mill- Magistrat Dr. M. Hayman liema setneza hija assoluta u ma tistax tinbidel;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' gbir ta' provi tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 339(1)(d) u (e), 338(dd) u (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna Ordni ta' servizz fil-komunità ghal mitejn (200) siegha ai terminu tal- Artikolu 11 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------